## It-Twettiq fil-Prattika tal-Assessjar Inkluživ

L-għan aħħari tal-ewwel fażi tas-Assessjar tal-Agency, fil-proġett ta' Ambjenti Inklużivi kien wieħed ta' diskussjoni segwit minn spjegazzjoni tal-kunċett ta' assessjar inkluživ kif ukoll serje ta' rakkomandazzjonijiet għal politika u prattika ta' assessjar inkluživ. L-għan tat-tieni fażi, min-naħa l-oħra kien li jipprovdi eżaminazzjoni aktar fil-fond tar-riċerka tal-ewwel fażi billi:

- Tiġi esplorata l-prattika tal-livell ta' assessjar fl-iskejjel u r-relazzjonijiet ta' din il-prattika ma' livelli ta' *policy* u strutturi fuq livell reġjonali u nazzjonali;
- Isiru suġġerimenti prattiċi għat-twettiq tal-assessjar inkluživ.

Il-metodoloġija użata kienet tinkludi esperti li ħadmu f'timijiet mal-istaff ta' ħames siti ta' 'każi ta' studju' – distretti ta' skejjel, jew reġjunijiet, ġemgħat ta' skejjel, ċentri ta' riżorsi u l-iskejjel li ħadmu magħhom (imma mhux skejjel individwali). Dawn it-timijiet ta' 'każi ta' studju' mill-Awstrija, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit (l-Ingilterra) qablu fuq żjajjar li kellhom jagħmlu lil xulxin, kif ukoll fuq xogħol fuq aspetti varji tal-prattika ta' assessjar waqt il-perjodu ta' intervenzjoni. L-intenzjoni kienet li jesploraw fil-fond il-livell tal-prattika tal-assessjar fl-iskejjel u kif din kienet tirrelata ma' livelli ta' għajnuna lil strutturi ta' sostenn u politika fuq livell reġjonali kif ukoll nazzjonali.

*Aktar tagħrif dwar kull wieħed minn dawn is-siti ta' 'każi ta' studju' kif ukoll ix-xogħol li dawn għamlu waqt il-proġett wieħed jista' jiksibhom mill-websajt tal-proġett: http://www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml*

Waqt l-attivitajiet tal-proġett, inġabar ħafna tagħrif u materjal li għandu x'jaqsam mal-assessjar fl-ambjenti inklużivi. Il-qofol ta' dan id-dokument huwa aktar ġenerali minn materjal ieħor li ġie żviluppat waqt il-proġett, l-għan elwieni jkun biex jippreżenta taqsira ta' x'instab mill-attivitajiet kollha tal-proġett biex jiġu identifikati l-prerekwiżiti essenzjali għat-twettiq ta' politika u prattika ta' assessjar inkluživ f'ambjenti *mainstream*.

Dan id-dokument juża tagħrif minn osservazzjonijiet, diskussjonijiet u riflessjonijiet li saru waqt u wara ż-żjajjar tal-każi ta' studju biex jinġabar it-tagħrif meħtieġ biex b'hekk titwettaq fil-prattika, il-*policy* ta' assessjar inkluživ. Dawn huma l-fatturi kruċjali għal prattika ta' assessjar b'suċċess li ma kinux marbuta ma' xi kuntest jew assessjar speċifiku, imma kienu *jidhru fis-siti kollha tal-każi ta' studju* (b'modi varji u sa gradi differenti).

*Ma' dan id-dokument wieħed għandu jsib verżjoni estiża marbuta mal-preżentazzjonijiet tal-multimedja kif ukoll xi siltiet minn dak li qalu l-'policy makers' u l-prattikanti f'dan il-qasam waqt li kienu qegħdin jiddiskutu l-esperjenzi u l-prattika tal-assesssjar, kif ukoll il-letteratura ewlenija li teżamina s-suġġetti li tqajmu. Wieħed jista' jsib ir-riżorsi kollha dwar dan fil-websajt tal-proġett: http://www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml*

### Żewġ aspetti ta' assessjar inkluživ fil-prattika

L-assessjar inkluživ kien definit fi ħdan il-proġett tal-Agency bhala *approċju għal assessjar f'ambjenti 'mainstream' fejn il-politika u l-prattika huma ddisinjati biex jippromwovu t-tgħallim tal-istudenti kollha kemm jista' jkun*. Filwaqt li ntużat din id-definizzjoni, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet assoċjati kif imfassla fil-fażi tal-proġett li fih insibu t-taqsira tar-rapport – bħala l-punt tat-tluq għall-analiżi tax-xogħol fis-siti tal-każi ta' studju, kien possibbli li wieħed jidentifika għadd ta' fatturi komuni biex jitwettaq assessjar inkluživ. Dawn huma fatturi fi ħdan ambjenti edukattivi li wieħed; isib fil-proġett li kienu l-qofol tal-

assessjar tax-xogħol tal-għalliema kif ukoll l-assessjar ta' professjonijiet u *stakeholders* oħra f'dan il-qasam. Dawn huma fatturi ġenerali li mhux dejjem huma relatati ma' proċessi ta' assessjar, għodod, metodi u approċji, jew anke tagħlim u tgħallim bħala tali.

Dawn il-fatturi aktar għandhom x'jaqsmu mal-ambjent edukattiv kollu kemm hu u kif dan l-ambjent jista' jgħin (jew mod ieħor) l-użu tal-assessjar inkluživ b'modi differenti. Dawn il-fatturi ġew identifikati bħala li huma ta' importanza kbira għal assessjar inkluživ, imma wieħed jista' jgħid li huma fil-fatt aspetti essenzjali għal inklużjoni b'suċċess b'mod ġenerali – l-assessjar ikun proċess wieħed fost ħafna li huwa influenzat u dirett minn dawn il-fatturi kriċitiċi.

Il-fatturi ta' ambjenti edukattivi li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' assessjar inkluživ jistgħu jiġu miġbura taħt żewġ tipi ta' politika ta' assessjar u prattika:
- *Infrastruttura*: l-istrutturi, il-*policies* u s-sistemi tas-sostenn għall-assessjar;
- *Sistemi ta' Valur Imxierek*: l-attitudnijiet, il-valuri professjonali u t-twemmin li jiffurmaw kultura edukattiva ta' skola kif ukoll l-mod kif dan isir.

Fil-proġett, kien possibbli li wieħed jidentifika l-karatteristiċi ewlenin ta' infrastruttura edukattiva u sistema ta' valur imxierek li jidhru li jsostnu assessjar inkluživ. Filwaqt li kull wieħed minnhom, hawnhekk huwa meqjus għal rasu, kien ċar mill-istudju li kull waħda minn dawn il-karatteristiċi hija dipendenti għall-aħħar fuq l-oħrajn.

**Politika edukattiva li tgħin fil-prattika innovativa**

Is-siti tal-ħames każi ta' studju ħadmu f'kuntesti ta' politika ta' assessjar li huma differenti ħafna. Dawn kellhom x'jaqsmu ma' sistemi ta' assessjar diretti minn testi summattivi nazzjonali, b'livelli għoljin ta' rapportaġġ u l-użu ta' *data* ta' assessjar ta' studenti għall-monitoraġġ u kuntabilta', kif ukoll sistemi li m'għandhomx proċeduri ta' assessjar minn barra, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' assessjar immexxi minn għalliema u l-ebda użu ta' assessjar ta' *data* ta' studenti għal għanijiet ta' monitoraġġ.

Madankollu, minkejja d-differenzi fil-politika nazzjonali u reġjonali rrappreżentati fl-istudju, kien possibbli li wieħed jara li dawn l-elementi fi ħdan l-politika ta' assessjar kienu kruċjali biex jipprovdu l-prikundizzjonijiet neċessarji għall-innovazzjoni bil-għan li din twassal għal assessjar inkluživ:
- Parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell lokali li jinvolvi l-i*stakeholders* kollha fl-assessjar;
- Flessibilta' fil-*policies* u s-sistemi li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u jbiddlu fl-implimentazzjoni tal-politika ta' assessjar u prattika;
- L-involviment attiv ta' dawk li jagħmlu l-*policy* fl-identifikazzjoni u l-użu effettiv ta' riżorsi umani, fiżiċi u finazjarji eżistenti biex jassiguraw li d-deċiżjonijiet illi jittieħdu fuq livell lokali u l-innovazzjoni fil-politika tal-assessjar u l-prattika jkunu jistgħu jseħħu.

Kollox ma' kollox, dawn il-karatteristiċi ta' politika ta' assessjar kienu xprunati minn impenn politiku ta' tħeġġiġ ta' innovazzjoni, kreattivita' u gradi ta' liberta' għall-prattikanti kollha f'dan il-qasam biex ikunu innovattivi fix-xogħol tagħhom u wieħed mill-eżempji konkreti ta' impenn politiku ta' dan it-tip huwa fejn l-innovaturi fl-assessjar inkluživ ikunu direttament involuti fit-tibdil fejn tidħol il-politika ta' assessjar.

**Strutturi ta' sostenn interdixxiplinarju**

Studenti, ġenituri u għalliema jagħmlu talbiet kumplessi għal staff ta' sostenn speċjalizzat u

servizzi fl-assessjar inklużiv. Matul il-proġett kienet identifikata mixja lejn xogħol ‘inter’-dixxiplinarju aktar milli ‘multi’-dixxiplinarju. L-assessjar interdixxiplinarju jintegra l-għerf u l-perspettivi ta’ oqsma differenti ta’ speċalizzazzjoni professjonali biex wieħed jistudja l-każi li jkollu b’mod sħiħ. Din mhijiex l-istess bħal approċju interdixxplinarju fejn professjonisti minn dixxiplini ta’ xogħol differenti jaħdmu flimkien, imma mhux neċessarjament b’mod singlu, integrat u maqbul flimkien. Xogħol interdixxiplinarju jinħtieġ kooperazzjoni u kollaborazzjoni fil-livelli kollha, bejn l-*istakeholders* fl-assessjar: fil-qofol tiegħu huwa ggwidat minn teħid ta’ deċiżjonijiet lokali li aħna tkellimna dwarhom fit-taqsimiet ta’ qabel.

Mill-eżaminazzjoni tax-xogħol ta’ tipi differenti ta’ timijiet ta’ assessjar speċjalizzat fis-siti tal-ħames każi ta’ studju, l-*istakeholders* differenti fl-assessjar (il-ġenituri, l-għalliema u dawk li jagħmlu l-*policies*) jistennew u jinkoraġġixxu approċji multidixxiplinarji, ikunu xi jkunu l-istrutturi tal-ispeċjalisti tat-timijiet ta’ assessjar. Il-fatturi li ġejjin jimxu lejn xogħol interdixxiplinarju:

- Jidher bħala użu effiċjenti ta’ riżorsi pubbliċi li huma limitati;
- Jirriżulta fl-immaniġġjar aħjar tax-xogħol għal speċjalisti ta’ assessjar u li jagħti lok għal aktar xogħol bis-sens għal studenti, ġenituri u għalliema;
- Iwassal għal għażliet ta’ sostenn aktar flessibbli kif ukoll għal deċiżjonijiet li jgħinu biex iwieġbu għat-talbiet u l-esiġenzi li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

In-natura parteċipattiva tax-xogħol interdixxiplinarju ta’ assessjar inklużiv jidher li timplika wkoll bidla fil-post tal-kontroll fejn jingħata s-sostenn kif ukoll f’dak li huwa x-xogħol li jagħmlu l-ispeċjalisti tal-assessjar. It-teħid tad-deċiżjonijiet mhux biss jinvolvi, imma jibda jitmexxa dejjem aktar minn dawk l-iskejjel, inklużi dawk l-għalliema fil-klassijiet *mainstream* flimkien mal-ġenituri u l-istudenti, li jaħdmu flimkien ma’ professjonali li huma esterni għall-ambjent edukattiv immedjat tal-istudenti. Bidla ta’ dan it-tip fl-approċju tax-xogħol jeħtieġ bidla ewlenija fl-attitudni min-naħa tal-ispeċjalisti professjonali tal-assessjar, kif ukoll bidla fil-prattika tagħhom.

**Tmexxija u Viżjoni**

Il-viżjoni u s-sens ta’ tmexxija identifikati f’kull każ ta’ studju huma importanti kemm għall-infrastruttura kif ukoll għas-sistemi ta’ valur imxierek.

Il-*policies* li jgħinu fl-innovazzjoni għandhom jinbdew u jiġu fformulati minn gruppi ewlenin jew individwi li ġeneralment ikollhom viżjoni ta’ edukazzjoni u assessjar inklużiv, it-tnejn b’mod speċifiku. Bl-istess mod, l-individwi ewlenin responsabbli għax-xogħol ta’ timijiet speċjalisti ta’ assessjar bħala regola jkunu l-forza ewlenija wara l-mixja minn xogħol multi-dixxiplinarju għal wieħed interdixxiplinarju. Individwi influenti ta’ dan it-tip mhux biss jagħtu bidu għal bidla fil-prattika, imma jgħinu wkoll f’dawk li huma valuri u prinċipji li għandu jkun hemm fis-sistemi ta’ *policies* u sostenn.

Barra minn hekk, fi ħdan il-proġett tal-Agency kien ċar li r-rwol tal-iskola u ċ-ċentru tal-*leaders* u l-*managers* anzjani taċ-ċentru tar-riżorsi fil-formazzjoni tas-sistemi ta’ valuri għall-inklużjoni u l-assessjar inklużiv kienu importanti fl-iżvilupp ta’ ambjenti professjonali li taw spazju għall-innovazzjoni u l-bidla. F’kull wieħed mis-siti tal-każi ta’ studju, kien evidenti li l-*leader*s edukattivi ewlenin:

- Kellhom viżjoni personali għal assessjar inklużiv, li mbagħad huma żviluppaw f’viżjoni mxierka fost l-istaff jew it-tim tagħhom;
- Attivament ippromovew skola jew kultura organizzattiva li sostniet il-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-ġenituri;
- Jew bdew bidla fil-prattika, jew b’mod attiv għenu staff ieħor li beda bidla ta’ dan it-tip;

- Stabbilixxew sistemi organizzattivi li mhux biss sostnew, imma b'mod attiv kienu jinħtieġu xogħol f'tim, soluzzjonijiet ta' problemi b'mod kollaborattiv u approċji flimkien għal dak li huwa tagħlim u tgħallim;
- Assiguraw l-flessibilta' neċessarja fir-riżorsi fiżiċi, finanzjarji u ta' ħin biex jagħtu lok għal 'innovazzjoni', li kontinwament qiegħda tiżviluppa u tipprova metodi u approċji ġodda ta' assessjar;
- Ipprovdew opportunitajiet varji għat-taħriġ tal-għalliema u l-istaff edukattiv u l-iżvilupp ta' metodi u għodod ta' assessjar b'mod speċifiku, kif ukoll għal approċji inklużivi b'mod ġenerali;
- Stabbilixxew strutturi ta' komunikazzjoni effettivi bbażati fuq 'lingwa mxierka' – speċifikament għal assessjar u b'mod ġenerali għat-tagħlim u għat-tgħallim – li kienu mifhuma u użati mill-istudenti, il-ġenituri u l-professjonisti fil-qasam edukattiv.

Id-diskussjonijiet tal-proġett identifikaw prijorita' ta' żvilupp għal ħafna *leaders* bħala komunikazzjoni hekk imsejħa, informali 'formalizzanti', kif ukoll għarfien dwar l-assessjar, Dan sar biex b'hekk l-innovazzjonijiet u t-tibdil ikunu jistgħu jiġu dokumentati, maqsuma bejn xulxin u wieħed ikun jista' jagħmel riflessjoni fuqu u b'hekk ikun jista' jitgħallem minnu. Dan il-mod kif wieħed jagħti bixra formali lil dak li huma informali huwa *importanti* jekk il-prattika ta' assessjar innnovattiv kellha tibda ssir fil-prattika regolari fi ħdan istituzzjonijiet bħalma huma dawk tal-iskola, imma *kritika* jekk professjonijiet oħra 'il barra mill-ambjent immedjat tal-iskola kellhom jitgħallmu minn innovazzjonijiet ta' dan it-tip.

Speċifikament f'relazzjoni mal-assessjar, imma anke b'mod ġenerali f'relazzjoni ma' oqsma tax-xogħol tagħhom, dawn il-*leaders* jistgħu jiġu deskritti bħala 'trasformazzjonali'; huma kienu turija ċara ta' organizzazzjonijiet ta' 'komunitajiet ta' tagħlim' ibbażati fuq kulturi kollaborattivi għal teħid ta' deċiżjonijiet u ppjanar, kif ukoll żvilupp professjonali kontinwu għall-istaff kollu.

**Attitudnijiet pożittivi biex wieħed jilħaq id-diversità fl-edukazzjoni**

Fil-qalba ta' sistema ta' valuri mxierka li ssostni assessjar inklużiv wieħed isostni li d-diversita' fl-edukazzjoni hija ta' benefiċċju u għalhekk l-i*stakeholders* kollha għandhom jaqblu maghha. Approċju pożittiv biex wieħed jilħaq meded ta' ħtiġijiet diversi fl-edukazzjoni kien, probabilment l-aktar element kritiku ta' kultura edukattiva ta' skola u approċju li jista' jidher bħala li jippromwovi assessjar inklużiv. Attitudnijiet pożittivi ta' dan it-tip kienu jidhru wkoll fil-viżjonijiet u x-xogħol ta' żvilupp tal-*leaders* tal-iskejjel kif ukoll fix-xogħol ta' kuljum tal-għalliema fil-klassi u staff edukattiv ieħor.

Ix-xogħol biex wieħed jeħles mis-segregazzjoni ta' kull tip u jippromwovi skola ghal kulħadd dehret li kienet ikkaratterizzata minn:
- Il-fehma li l-għan ewlieni ta' assessjar bħala li jsostni t-tagħlim u t-tgħallim u mhux jidentifika l-ħtiġijiet ta' *placement* jew allokazzjoni ta' riżorsi;
- Il-fehma li t-tgħallim innifsu huwa proċess, mhux kontenut jew ibbażat fuq suġġett u għan ewlieni għat-tgħallim tal-istudenti kollha bħala li jkun żvilupp ta' tgħallim biex wieħed jitgħallem il-ħiliet, u mhux sempliċiment l-għerf tas-suġġett.

Fix-xogħol tat-timijiet tas-siti tal-istudju ta' każ, deher ċar ukoll li approċji ta' suċċess u tekniki li jsostnu t-tgħallim tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali, jistgħu wkoll jkunu ta' ħtieġa biex jgħinu fl-inklużjoni ta' xeħta soċjali u edukattiva ta' gruppi oħra (ngħidu aħna studenti minn oqsma soċjali u etniċi differenti). Dan wassal biex wieħed jaħdem biex dan l-approċju jintuża fl-iżvilupp tal-istudenti kollha u mhux xi gruppi speċifiċi biss.

## Prattika riflettiva

Fis-siti ta' studji ta' każi li wieħed isib fid-dokument, deher ċar li l-għalliema kollha, kif ukoll professjonisti oħra, b'modi varji, taw importanza lill-prattika riflettiva – huma ħ adu l-opportunitajiet biex jaħsbu fuq ix-xogħol li għamlu biex b'hekk jifhmu aktar li t-tagħlim u t-tgħallim huma proċess u b'hekk personalment jitgħallmu bħala riżultat tar-riflessjonijiet li jagħmlu. Din ir-riflessjoni fil-prattika tista' tiġi interpretata bħala konsegwenza ta' xogħol f'ambjenti edukattivi li l-għan tagħhom hu li wieħed jilħaq ħteġ ijiet differenti msejsa fuq xogħol f'tim, kif ukoll li wieħed jkun f'qagħda li jsolvi l-problemi. Madankollu, deher ċar li għal ħafna għalliema, li wieħed jidħol f'ambjent professjonali ta' tgħallim, u li jiġi ggwidat b'valuri u sett ta' prinċipji edukattivi mxierka, kienu ċentrali għax-xogħol tagħhom.

Prattika ta' riflessjoni ta' dan it-tip, tista' tidher bħala li hija kruċjali għall-innovazzjoni. Il-prattika riflettiva hija essenzjalment immexxija minn approċju ta' soluzzjoni ta' problema, li fl-aħħar mill-aħħar twassal għal approċju mibni fuq evidenza u li għandha twassal għall-prattika. Din tista' tidher ukoll bħala li tagħti s-saħħa lill-għalliema, għaliex din tinvolvihom fil-proċess li jagħmlu l-miri tagħhom li jgħinuhom jivvalidaw il-prattika tagħhom.

Interessanti l-fatt, li l-proċess ta' prattika riflettiva għall-għalliema tista' tidher bħala li tirrifletti l-proċess tal-assessjar għat-tgħallim tal-istudenti f'għadd ta' modi. Il-proċessi ta' ssettjar ta' miri u r-riflessjoni personali fuq l-*feedback* fuq il-*performance* huma ċentrali kemm għall-prattika riflettiva għall-għalliema kif ukoll fl-assessjar għat-tgħallim tal-istudenti. Barra minn hekk, l-għalliema li jistgħu jidhru li jadottaw approċju riflettiv fuq ix-xogħol tagħhom, ħafna drabi kienu dawk li kienu l-aktar kapaċi b'mod effettiv li jużaw l-assessjar għat-tgħallim u l-proċessi ta' assessjar mal-istudenti kollha.

Il-*leaders* tal-iskejjel, b'mod speċjali, urew l-importanza tar-rwol ta' 'ħbieb kritiċi' bħala li huma importanti, li nies barranin u organizzazzjonijiet li kienu jaħdmu ma' skola, jew grupp ta' għalliema biex jgħinuhom fil-proċess tar-riflessjoni fuq il-prattika tagħhom. (Fir-realta', il-metodoloġija użata fil-proġett Agency kienet ibbażata fuq l-idea li t-timijiet tal-esperti tal-proġett (li jkunu qegħdin iżuru l-iskola) iservu bħala ħbieb kritiċi għat-timijiet tal-istudju tal-każ.) Il-maniġers tal-iskola draw jaraw l-involviment ta' nies minn barra, li kienu jieħdu sehem mal-istaff tal-iskola biex jgħinuhum jesploraw aspetti tax-xogħol tagħhom, bħala xprun għall-bidla fil-prattika tat-tagħlim, kif ukoll fl-attitudnijiet lejn l-inklużjoni.

## Kummenti tal-għeluq

Joħroġ ċar mill-istudju li sar li biex wieħed iqiegħed fil-prattika assessjar inklużiv m'hemmx soluzzjonijiet ċari li 'jaħdmu' għall-iskejjel u s-sitwazzjonijiet tal-klassi kollha bla distinzjoni. Kull wieħed mis-siti tal-każi ta' studju li ħa sehem fil-proġett tal-Agency żviluppa approċji differenti għall-prattika tal-assessjar tagħhom u ffoka fuq aspetti differenti bħala dak li kien meqjus bħala li kien kruċjali għall-iżvilupp tal-inklużjoni f'dak il-mument. Din il-bidla kienet tiddependi fuq sfidi fil-livell lokali, imma fil-biċċa l-kbira tagħhom fuq il-kultura tal-iskola (jew is-sistemi ta' valur imxierek) u l-*policies* edukattivi (jew infrastrutturali) – li kienu jidderieġu x-xogħol tat-timijiet tal-każ ta' studju.

Madankollu, minkejja d-differenzi lokali fis-siti tal-ħames każi ta' studju eżaminati fil-proġett, wieħed jista' jgħid li l-assessjar inklużiv huwa proċess li jinvolvi innovazzjoni u flessibilta' fil-ħsieb u l-azzjoni min-naħa ta' dawk li jagħmlu l-*policies* u dawk li jpoġġuhom fil-prattika. It-trasformazzjonijiet fil-ħsieb kif ukoll fl-azzjoni huma essenzjali biex wieħed jiżviluppa assessjar inklużiv.

Iż-żewġ aspetti ta' infrastruttura u valuri mxierka huma marbuta ma' xulxin u jiddependu fuq xulxin. L-infrastruttura għall-assessjar fil-qofol tagħha hija esterna għall-ambjent tal-iskola: jiġifieri l-inklużjoni u l-*policies* tal-assessjar, l-istrutturi tal-fondi, is-sistemi ta' sostenn u l-*personnel* speċjalizzat, huma bħala regola stabbliti fil-live.

ll nazzjonali u reġjonali filwaqt li skejjel invidwali jaħdmu fil-parametri ta' dawn l-istrutturi.

Madankollu, is-sistema ta' valur imxierek tal-iskola tiddetermina kif dik l-infrastruttura tiġi fir-realta' mwettqa fil-prattika tal-iskola. L-infrastruttura tista' tiddetermina l-parametri tal-prattika tal-iskola, imma s-sistema ta' valur imxierek tal-iskola tidher bħala dik li tiddetermina fil-qofol tagħhom l-interpretazzjoni ta' dawn il-parametri.

Riflessjoni ewlenija mill-analiżi ta' dawn is-siti ta' każi ta' studju involuti fil-proġett hija dik li filwaqt li l-infrastruttura ta' assessjar li jsostni hija kruċjali, is-sistema ta' valur imxierek fl-iskejjel hija fattur kritiku għat-twettiq b'suċċess tal-'possibilitajiet' offruti mis-sistemi u l-istrutturi tas-sostenn.

Li wieħed jiżviluppa s-sistemi neċessarji ta' valur imxierek għat-twettiq ta' assessjar ta' inklużjoni, hija sfida għal kull min jagħmel il-*policies,* u għal dawk li jpoġġuhom fil-prattika. Madankollu nsibu eżempji ċari mill-Ewropa kollha li wieħed jista' jitgħallem minnhom u j'Alla li l-identifikazzjoni tal-fatturi ewlenin tal-assessjar ta' inklużjoni fil-prattika jikkontribwixxu għad-dibattitu kontinwu u d-diskussjonijiet fuq il-livelli nazzjonali u internazzjonali.